MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Numru 805/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Grech)**
**vs**
**Greoge Grech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **George Grech** ta’ 45 sena, bin il-mejtin Joseph u Carmena nee’ Azzopardi, imwieled Bormla nhar is-6 t’Ottubru, 1960 u joqghod ‘Scallop Flt’, no. 2, Triq is-Sirena, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 38261(M);

Talli fis-26 ta’ Mejju, 2006 ghall-habta ta’ xi 4.00pm waqt li kont fil-fond numru 6, Kwartieri San Nikola, Bormla;

a) Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamilt hsara fl-istess propjeta ghad-dannu ta’ Mario

Grech minn Bormla, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu ta’ l-istess Mario Grech, u dan bi ksur tal-artikolu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ingurjajt, heddidt jew ghamilt offizi fuq il-persuna ta’ PS 1328, PC 1252 u membri ohra tal-Korp tal-Pulizija li huma lkoll persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksir ta’ l-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta’ PS 1328, PC 1252 u membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, wegghajthom bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) Ghedt fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) Hebbejt kontra Mario Grech sabiex tingurjah, idejjqu jew taghmilu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’hekk sirt recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti u dan ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Mario Grech tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat:

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 325 (a), 95 (1), 252 (1), 338 (dd), (bb), (d) u 342, 49 u 50, 289 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali raffrettarja tal-imputat;

Tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum u tirrakkomanda lid-Direttur FCC sabiex jaghti id-direzzjoni u kura mehtiega lill-imputat biex jikkura ruhu mid-dipendenza tal-alkohol

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------